Il-Papa Franġisku jistieden lilna lkoll matul dan ix-xahar, biex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex l-ekonomisti jkollhom il-kuraġġ iwarrbu l-ekonomija tal-esklużjoni u jagħrfu jiftħu toroq ġodda.

**Qari:** *Silta mill-Evangelii Gaudium: No 53*



L-istess kif il-kmandament "la toqtolx" iqiegħed quddiemna limitu ċar biex jiżgura l-valur tal-ħajja umana, illum jeħtieġ ngħidu "le għall-ekonomija tal-esklużjoni u n-nuqqas ta' ugwaljanza". Din it-tip ta' ekonomija toqtol. Kif jista' jkun li l-mewt ta' anzjan għas-sirda tat-triq fejn spiċċa jgħix, ma tidhirx fl-aħbarijiet, biex imbagħad tidher l-aħbar li l-ishma fis-suq naqsu b'żewġ punti? Dan ifisser esklużjoni. Ma nistgħux nittolleraw iżjed il-fatt li hemm min qed jarmi l-ikel, meta hemm min qed ibati l-ġuħ. Dan hu nuqqas ta' ugwaljanza. Illum kollox jidħol fil-logħba tal-kompetittività u tal-liġi ta' min hu l-iżjed b'saħħtu, fejn il-qawwi jibla' lill-iżjed dgħajjef. B'konsegwenza ta' din is-sitwazzjoni, għandna partijiet kbar tal-popolazzjoni li huma esklużi u emarġinati: bla xogħol, bla futur, bla possibbiltajiet. Il-bniedem fih innifsu qed jitqies bħala prodott ta' konsum, li tista' tużah u mbagħad tarmih. Ħloqna kultura tal-"iskart" u qegħdin saħansitra nippromovuha.

X'paradoss qed ngħixu Mulej!
Minn naħa waħda tjiebet il-kwalità tal-ħajja tan-nies,
bħal fil-qasam tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-komunikazzjoni;
iżda minn banda oħra, hemm numru kbir ta' irġiel, nisa u tfal madwar id-dinja,
li qed jgħixu kull ġurnata emarġinati, fit-tarf nett tas-soċjetà,
bil-ġuħ, bla dar, bla dinjità - ta' fuqhom senduqhom.
Tassew tlifna l-bilanċ! Dan ma jagħmilx sens Mulej,
iktar u iktar meta hu stmat li hawn ġid biżżejjed fid-dinja
biex ħadd ma jbati l-ġuħ.
Imma x'ġara Mulej? X'wassalna għal din is-sitwazzjoni?
Żgur li ma konniex għassa biżżejjed.
U wisq nibża', Mulej, li aħna lkoll ħatja!
Ħatja... għax ħallejna ftit nies joħolqu sistema ta' suq ħieles
u ħallejniehom jikkonvinċuna li din is-sistema
se toħloq ugwaljanza u inklużjoni soċjali akbar fid-dinja.

Iżda dan ma ġarax għax għandna ekonomija
li taħseb biss fis-sinjur u tuża u tisfrutta lill-ħaddiem,
iżda għandna ekonomija li twarrab lill-fqir, lill-batut u lill-anzjan.
U mhux hekk biss Mulej,
imma ħallejna lil din l-istess sistema
tibdlilna l-mod kif naħsbu, ħallejnieha therrilna u teqirdilna l-valuri u l-etika, u, kif jgħid il-Papa Franġisku, ħallejnieha wkoll toħloq il-kultura tal-“iskart”.
Mulej, l-storja tirrepeti ruħha u aħna ħatja wkoll ta’ idolatrija.
U ġralna bħal fi żmien Mose' ... qed naduraw alla falz, alla li jismu flus.
Mulej, aħna wkoll konna kompliċi,
għax għoġobna l-għoġol li poġġewlna quddiemna u sirna skjavi tiegħu.
U, bħall-poplu fit-testment il-qadim, aħna wkoll poplu ta’ qalb iebsa;
għax lilna int ukoll tibgħatilna profeti li qed juruna l-verità li qed ngħixu.
Imma aħna suppervi wisq, rasna taż-żonqor, Mulej!
Qed nindunaw bil-ħażen li qed ngħixu fih, imma ma rridux inwarrbu,
ma rridux nerġgħu lura, irridu nibgħu skjavi,
għax b’xi mod inbdilna Mulej,
u qed jogħġobna wisq dan l-għoġol, dan alla l-falz.
Għalhekk, illum il-Papa Franġisku qed ipoġġilna quddiemna
l-isfida li qed tiffaċċja d-dinja tal-lum: dik tal-ekonomija tal-esklużjoni.
Aħfrilna Mulej, għax fit-tellieqa biex inkabbru l-ekonomija u s-suq ħieles,
... ħloqna stil ta’ ħajja ġdida u kiefra
... ħloqna żbilanċ fil-ġid komuni
... ħloqna l-kultura tal-ġid, tal-għana
... ħloqna kultura tal-konsum u tal-iskart
... u jaqbadna paniku jekk is-suq joffri xi ħaġa ġdida li għadna ma xtrajniex.
U mhux hekk biss Mulej....
ħloqna l-mostru tal-indifferenza ....
fejn ftit li xejn għadu jmissilna qalbna.
Sirna naraw il-batut u nwarrbu wiċċna n-naħa l-oħra.
Sirna naraw il-faqar ta’ madwarna
bħala xi ħaġa li mhix responsabbiltà tagħna.
Ħloqna stil ta’ ħajja, fejn il-ftit dejjem qed jiggwadanjaw iżjed b’mod esaġerat,
u l-ħafna jsibu ruħhom dejjem aktar imbiegħda mill-ġid,
fejn nies jisfaw bla xogħol, ibatu l-ġuħ u jitilfu kull tama fil-ħajja.
Ħloqna idoli ġodda:- il-flus.

U aħna, flimkien mas-soċjetà tagħna, spiċċajna taħt il-ħakma tal-flus!
Mulej, insejna li l-flus qegħdin hemm biex jaqdu u mhux biex imexxu!
Aħfrilna Mulej, u għinna ħalli noħorġu
minn din in-nasba li nqbadna fiha.
Għinna Mulej, ħalli niftakru fil-kliem ta’ San Ġwann Kriżostmu,
“Li ma taqsamx il-ġid tiegħek mal-foqra jfisser
li tkun qed tisraqhom u ċċaħħadhom mill-ħajja.
Il-ġid li għandna f’idejna mhuwiex tagħna, imma tagħhom.”

**Kant**

**Qari:** *Minn diskors ta’ Papa Franġisku f’Sardinja f’Settembru 2013*

Fejn m’hemmx xogħol, m’hemmx dinjità! U din mhix problema ta' Sardinja biss – imma hawn, din il-problema hi qawwija! Fil-fatt din mhix problema tal-Italja jew ta’ xi pajjiżi fl-Ewropa biss, iżda hi l-konsegwenza ta’ għażla li għamlet id-dinja, ta’ sistema ekonomika li qed twassal għal din it-traġedja; sistema ekonomika li, fil-qalba tagħha, għandha idolu li jismu flus.
Alla ried li fiċ-ċentru tad-dinja ma jkunx hemm idolu, imma jkun hemm il-bniedem, ir-raġel u l-mara li, permezz tax-xogħol tagħhom, imexxu d-dinja ’l quddiem. Imma issa, f’din is-sistema mingħajr etika, fiċ-ċentru tagħha hemm idolu u d-dinja saret tadura lil dan l-“alla-flus”. Il-flus jikkmandaw! Jikkmandaw fuq dawk il-ħwejjeġ kollha li jservu lilhom, lil dan l-idolu. .......
U biex tiddefendi din is-sistema ekonomika li tqim il-flus, illum għandna l-“kultura tal-iskart”: narmu lin-nanniet u narmu liż-żgħażagħ.
U aħna rridu ngħidu “le” għal din il-“kultura tal-iskart”. Jeħtieġ li aħna ngħidu: “Irridu sistema ġusta! Sistema li timbotta ’l quddiem lilna lkoll kemm aħna.” Jeħtieġ ngħidu: “Aħna ma rridux sistema ekonomika globalizzata, li qed tagħmlilna daqshekk ħsara!” Fiċ-ċentru jeħtieġ ikun hemm ir-raġel u l-mara, kif irid Alla, u mhux il-flus!

Mulej, inti mħabba bla qies!
U l-ħolqien hu frott tal-imħabba kbira tiegħek.
Ħlaqtna għax tħobbna. U aħna Mulej? Nuruk li nħobbuk?
Ta’ sikwit niddubita jekk inħobbukx bis-serjetà!
Għax, Mulej, ma nistax nifhem
kif jirnexxilna nwarrbu min-nofs il-pjan u r-rieda tiegħek!
Kif jirnexxilna nkissru u nfarrku dak kollu li int ħlaqt!
Kif qal tajjeb il-Papa Franġisku, inti xtaqt

li fiċ-ċentru tad-dinja ma jkunx hemm idolu,
imma jkun hemm il-bniedem; ir-raġel u l-mara,
li permezz tax-xogħol tagħhom imexxu d-dinja 'l quddiem.
Imma l-bniedem jaħseb li jifhem f'kollox,
li anke jaf iktar minnek x'inhu l-aħjar għalih.
Tilef kull sens ta' valur u etika,
sar moħħu biss fih innifsu, kif se jkun aħjar hu u kif se jistagħna iktar.
Sar jaħseb li bl-ekonomija u bil-globalizzazzjoni
sab is-soluzzjoni tal-problemi kollha.
Sfortunatament nesa li d-dinja u kull ma hemm fiha
qegħdin għas-servizz tal-bnedmin kollha.
Minflok, il-bniedem ħoloq sistema bla ruħ, bla mħabba;
ħoloq sistema egoista li tinsa u twarrab il-ġid komuni,
ħoloq sistema mingħajr etika, mingħajr valuri.
U flok li ħalla l-bniedem fiċ-ċentru tal-ħolqien, kif tixtieq int Mulej,
spiċċa biex, kif għamel sa minn dejjem,
meta ħaseb li jaf kollox u jista' kollox,
ħoloq idolu ġdid, poġġa idolu ieħor fiċ-ċentru tal-ħajja.
Din id-darba m'għamilx għoġol tad-deheb u adurah
iżda qed jadura alla taħt sura oħra, qed jadura lill-"alla-flus".
Il-flus saru jikkmandaw kollox!
U flok li l-bniedem qed jikkmanda u jħaddem il-flus għall-ġid komuni,
ġara kollox bil-kuntrarju.
Il-flus qed jikkmandaw fuq dawk kollha li jservu lilhom.
U x'ġara? Intilfu kull raġuni, kull etika, kull valur.
Basta grupp żgħir ta' nies jagħmel iktar flus!
U biex jiddefendu lil dan l-idolu, dawn in-nies, f'isem l-ekonomija,
....qed jarmu lill-anzjani għax mhumiex produttivi
....qed jarmu liż-żgħażagħ li jinsabu bla xogħol
....qed joħolqu magni biex jieħdu xogħol il-bniedem
....qed ineżżgħu lill-bniedem minn kull dinjità
....qed joħolqu "l-kutura tal-iskart".
Mulej, għinna nifhmu li, kif qal ekonomista famuż, Joseph Stiglitz,
"Hemm żewġ modi kif wieħed jista' jsir sinjur:-
billi jkattar il-ġid jew billi jieħu mill-ġid ta' ħaddieħor."
Agħmel, Mulej, li aħna ma nkunux ħatja li ħadna mill-ġid ta' ħaddieħor.

**KANT**

## Nitolbu flimkien

Alla Missier, għinna biex inkunu nies kapaċi nisimgħu dak li Int tixtieq tgħidilna u li tkun qed titlob minna, kemm fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja personali tagħna, kif ukoll fis-soċjetà tal-lum, li kull ma tmur qed tkompli tħaddan il-kultura tal-iskart, mhux biss tal-oġġetti, imma anke tal-bnedmin.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej nitolbu kif qal il-Papa Franġisku, sabiex aħna ngħidu “le” għal din il-“kultura tal-iskart” u sabiex ngħidu li: “Irridu sistema ġusta! Sistema li fiċ-ċentru tagħha jeħtieġ ikun hemm ir-raġel u l-mara”, kif trid int Mulej. Għinna ħalli jkollna l-kuraġġ inwarrbu l-flus miċ-ċentru tal-ħajja fid-dinja.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej, sabiex l-ekonomisti jkollhom il-kuraġġ iwarrbu l-ekonomija tal-esklużjoni u sabiex jagħrfu jiftħu toroq ġodda billi joħolqu ħafna opportunitajiet ta’ xogħol.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Għin, Mulej, lil min għandu l-poter finanzjarju, sabiex jifhmu li għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jfittxu soluzzjonijiet favur il-ġid komuni.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Għinna, Mulej, biex fil-ħajja tagħna ngħożżu u nħaddnu l-valuri nsara u nieħdu ħsieb il-fqir u l-batut, u biex nifhmu, kif qal Ġesù, li “mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem”.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.